ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 05/2010**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, il-25 ta' Ottubru 2010**

**Ħin: Fit-3.00 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sinjura Carmen Camilleri**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairman is-Sur Emmanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 04/2010

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-minuti tas-seduta b' nru. 04/2010.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU. 04/2010

Dwar is-sinjal mal-art 'Keep Clear' li sar maġenb il-latrina pubblika tal-Menqa, is-Sur Sacco qal is-sinjal mal-art mhux qed jagħtu kasu u hemm bżonn li ssir tabella.

L-Aġenda kienet sospiża biex il-kollettur tal-iskart indirizza lill-Kamra. Is-Sur Attard qal li fl-i*skips* tal-*car park* ta' Marsalforn u ta' Triq iż-Żebbuġ qed jintrema fihom ħafna ġebel, injam u skart tar-ristoranti. Qal minbarra l-ħsara li qed issirlu fl-inġenji tiegħu, qed ikollu problema meta jiġi biex jarmi fil-mizbla.

Is-Sindku ssuġġerixxa lill-Kumitat jikkunsidra jwaqqaf is-servizz tal-i*skips on wheels.*

Il-Kumitat qabel li temporanjament iwaqqaf is-servizz tal-i*skips on wheels* f' Marsalforn.

Dwar il-palma li ġie deċiż li tinqala' minn Pjazza San Pawl, kien maqbul li ssir *roundabout* fi Triq il-Qbajjar, dik il-parti tat-triq li tgħaqqad it-toroq ta' Daħlet ta' Merżuq, Wied l-Infern u ta' Barda u fiha titħawwel din il-palma.

## 4. KORRISPONDENZA

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjonijiet tal-Kumitat għall-Iskema Inizzjattivi ta' Attivitajiet 2011. Kienu deċiżi d-dati meta għandhom isiru l-attivitajiet proposta u l-istima ta' kull attivita'.

## 5. KONOK MIKSURA U VOJTA F' MARSALFORN

Iċ-Chairperson qalet li fi Triq il-Port (fuq il-*promenade*) u fi Triq Santa Marija (minn fuq l-Otters sal-*parking area* tal-*promenade* tal-Qbajjar) hemm diversi konok miksura u vojta. Il-Kumitat qabel li għandhom jitħawwlu siġar f' dawn il-konok vojta u fejn hemm *bushes* li għalqu l-bankina, dawn għandhom jinqalgħu u minflok jitħawwlu siġar.

## 6. IL-LAQGĦA MAL-MINISTRU GĦAL GĦAWDEX

Iċ-Chairperson qalet trid issir Aġenda biex tinżamm laqgħa oħra mal-Ministru għal Għawdex.

## 7. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sur Sacco ppropona li għall-Milied tinxtegħel is-siġra fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl u s-siġra li hemm fil-bidu ta' Marsalforn u ssir grotta tal-Milied taħt din is-siġra.
Is-Sindku qara avviż maħruġ mill-Planning & Priorities Coordination Department fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar sejħa għal proġetti taħt il-European Regional Development Fund – Priority Axix 2: Promoting Sustainable Tourism (fond ta' €42 miljun). Is-Sindku għarraf lill-Kamra li hemm aġenzija interessata tapplika għal finanzjament minn dan il-fond għall-*upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar; proġett stmat €950,000. Qal li dan il-proġett m' hu ser jiswa xejn lill-Kumitat.

Il-Kumitat qabel li l-aġenzija interessata tapplika għall-finanzjament tal-*upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar.

Dwar it-talba biex isiru *double yellow lines* faċċata ta' San Nikola Flts fi Triq Lifurna (ilment 58/2010), ġie deċiż li ssir *site visit*.

Fuq proposta tas-Sur Zammit, il-Kumitat qabel li jitwaħħlu tlett tabelli ta' direzzjoni li jindikaw l-*area* tas-salini u l-bajja ta' Wied l-Għasri.

Dwar l-ilment tas-Sur Zammit fir-rigward tat-tnaqqis ta' rotot tat-trasport pubbliku f' Marsalforn, is-Sindku qal nistennew ir-riforma fit-trasport pubbliku.

Il-Kumitat approva:

(i) 'area plan' għal Marsalforn.
(ii) jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Munġbell faċċata ta' Triq ir-Rabat.
(iii) xogħol ta' traqqiegħ fi Triq Manwel Magro u fi Triq il-Qbajjar.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna fil-5.15 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn, it-22 ta' Novembru 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***